



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 7 ta' Diċembru 2011 (08.12)
(OR. en)**

**16749/1/11
REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0320 (NLE)**

**WTO 397
SERVICES 113
COEST 400**

NOTA PUNT "I/A"

minn: Kumitat tal-Politika Kummerċjali

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Nru prop. Cion : 16748/11 WTO 396 SERVICES 112 COEST 399

Suġġett: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-istanzi rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

1. Fl-10 ta' Novembru 2011 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-istanzi rilevanti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ
2. B'segwitu għad-diskussjonijiet fil-Kumitat tal-Politika Kummerċjali fit-18 u l-25 ta' Novembru 2011, il-proposta ġiet kemxejn emendata u ġie maqbul li Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill ser tiġi adottata wkoll permezz ta' qbil komuni fl-istess ħin. Id-delegazzjonijiet kollha qablu mal-modifiki ssuġġeriti mill-Presidenza, soġġett għat-tneħħija tal-iskrutinju u r-riżervi ta' skrutinju parlamentari mdaħħlin minn numru ta' delegazzjonijiet, filwaqt li l-Kummissjoni kkunsidrat li dawn il-modifiki ma kienux meħtieġa.

3. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden:

- lill-Kunsill biex jadotta d-Deċiżjoni msemmija hawn fuq, bħala punt "A" flaqgħa li jmiss, kif iffinalizzata mill-Ġuristi-Lingwisti u mniżżla fid-dok. 16750/11 WTO 398 SERVICES 114 COEST 401;
 - lir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill biex jadottaw id-Deċiżjoni, li tinsab imniżżla fl-Anness I;
 - lill-Kunsill biex jiddeċiedi li jdaħħal fil-minuti tiegħu dikjarazzjoni mill-Kummissjoni, kif imniżżla fl-Anness II.
-

Deċizzjoni mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill:

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri fi ħdan il-Konferenza Ministerjali tad-WTO
dwar l-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa hija li tapprova l-adeżjoni.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-UE favur l-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa mad-WTO.

Il-Kummissjoni tinnota li l-Kunsill emenda l-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-UE biex tirreferi għall-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali pjuttost milli għall-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), kif kien ġie propost mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li din l-emenda hija korretta legalment, billi hija tonqos milli tidentifika b'mod preċiż liema regoli tal-votazzjoni għandhom japplikaw għall-adozzjoni tad-deċiżjoni.

Il-Kummissjoni tinnota wkoll li huwa propost li Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tiġi adottata permezz ta' qbil komuni fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Istati Membri fid-WTO. Il-Kummissjoni tinnota li kien ikun possibbli li tiġi adottata deċiżjoni tal-UE li kienet tirrendi deċiżjoni separata bħal din mhux meħtieġa.
